# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 93/2020 JVC**

**Id-Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Theresa Grima (ID 146166M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Direttur Qrati Civili u Tribunali kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi in segwitu ghall-ittra ufficjali (Nru. 2837/17) epprezentata minn Marco Muscat et kontra Calfen Limited et datata 7 ta' Awwissu 2017, (kopja annessa fl-inkartament hawn mehmuz bhala Dok A, l-istess Marco Muscat et talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-numru 112/18 (Dok A) fl-ismijiet Marco Muscat et vs Calfen Limited et in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv hemm reklamat.

2. Illi skond in-nota rilaxxjata mill-Marixxall Manolito Briffa fl-atti tal-istess Mandat ta' Qbid epprezentata fit-30 ta' Jannar 2018 (Dok B), jirrizulta illi meta l-Marixxal tal-Qorti mar biex jesegwixxi l-mandat de quo fl-indirizz mghoti l-intimata Theresa Grima ma hallietux jesegwixxi l-mandat kif indikat fl-istess Nota u pertant l-istess Marixall irraporta dan kollu lill-din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi in segwitu ghan-Nota sudetta din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet tal-31 ta' Jannar 2018 ordnat illi l-Marixxall jerga jmur jesegwixi l-mandat u jidhol fil-fond u jekk hemm bzonn bl-isgass u bl-assistenza tal-Pulizja filwaqt li ordnat lill-esponenti sabiex iniedi proceduri ta' disprezz kontra l-intimata Theresa Grima (Dok C).

4. Illi in adempiment ma tali ordni l-esponenti qed jintavola r-rikors odjern.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 u 1003 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu tikkundannah ghall-prigunerija ghal żmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerijia flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' affissjoni ulterjuri skond il-ligi.'.

Rat illi l-intimata, ghalkemm debitament notifikata, naqset milli tipprezenta risposta u ghaldaqstant hija kontumaci (ara verbal tad-19 ta' Mejju, 2022.

Semghet ix-xiehda tal-marixxal Manolito Briffa u l-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi u rat id-dokumentazzjoni kollha esebita u annessa bhala prova fl-atti.

Rat illi wara t-trattazzjoni da parti tal-Avukat tar-rikorrent, fil-verbal datat 19 ta' Mejju, 2022 din il-Qorti tat xahar zmien lill-intimata ghas-sottomissjonijiet bil-miktub u ddifferiet ir-rikors ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna d-Direttur rikorrent, fuq ordni ta' din il-Qorti diversament preseduta li ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-intimata, ntavola l-kawza odjerna fejn qed jitlob li l-intimata Theresa Grima tigi misjuba hatja ta' disprezz fil-konfront tal-awtorita' tal-Qorti fit-termini tal-artikoli 997 u 1003 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-Direttur rikorrent jallega li l-intimata hija hatja li waqqfet l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid bin-numru 112/18 fl-indirizz moghti fl-istess mandat u cioe' 1, Flamin Joe's, Valley Road, Birkirkara (ara l-indirizz ta' ezekuzzjoni ndikata fuq il-kopja tal-mandat esebita a fol. 5 tal-process).

Da parti taghha l-intimata debitament notifikata permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni giet dikjarata kontumaci fil-verbal tad-19 ta' Mejju, 2022 stante li ma ressqet l-ebda risposta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali:</u>**

Illi din hija kawza ghall-kundanna tal-intimata konsegwenza ta' allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kif dispost fl-Artikolu 1003 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi dwar il-procedura ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jinghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali -vs- Mario Caruana et** deciza nhar l-20 ta' April, 2007 illi:

> 'Il-procedura ta' disprezz hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna

ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta` kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Lord Denning fil-kawza "In re Bramblevale Ltd (1970)", "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempt's of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (sottolinear ta` din il-Qorti)'.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza nhar it-28 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Avukat Irene Bonello -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** fejn inghad illi:

'L-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u huwa mahsub biex jassigura l-bwon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-proceduri. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jazzarda jonqos mir-rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti.'

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri -vs- Salvu Bellotti et** deciza nhar l-10 ta' Dicembru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi:

'Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.'

**<u>Mertu:</u>**

Illi kif jirrizulta mill-gurisprudenza suesposta, sabiex jirnexxi l-kaz odjern, id-Direttur kellu l-oneru li jipprova, oltre ragonevoli dubju, l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-intimata Theresa Grima. Dan stante li dawn il-proceduri huma meqjusa ta' natura penali.

Illi fl-atti odjerni l-provi li tressqu huma pjuttost skarsi kif isegwi:

1. A fol. 4 et seq tal-process giet esebita kopja pjuttost fjakka tal-mandat ta' Qbid in kwistjoni. Il-Qorti tinnota li l-intimata mhijiex indikata bhala wahda mill-partijiet fl-istess mandat la bhala kreditur u lanqas bhala debitur;

2. A fol. 5 fl-ahharnett jidher indikat l-indirizz Flamin Joe's, Valley Road, Msida bhala l-indirizz ta' ezekuzzjoni tal-mandat. Fil-fatt dan huwa l-uniku post fejn jirrizulta ndikat dan l-indirizz stante li l-indirizzi tad-debituri jidhru li huma kollha diversi minn dak tal-ezekuzzjoni;

3. A fol. 7 tal-process giet esebita parti minn nota tal-Marixxal Manolito Briffa fejn jindika li fl-indirizz Flamin Joe's, Valley Road, Msida ma fetah hadd nhar it-26 ta' Jannar, 2018;

4. A fol. 10 tal-process giet esebita kopja ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Awwissu, 2017 fejn ukoll il-Qorti tirileva li isem l-intimata ma jiffigura mkien u lanqas l-indirizz ta' Flamin Joe's, Valley Road, Msida.

5. A fol. 11 tal-process giet esebita kopja tan-nota tal-marixxal Manolito Briffa li ggib id-data tat-30 ta' Jannar, 2018 u li taqra kif isegwi:

'Nota tal-marixxal Manolito Briffa ufficcjal ezekuttiv tal-Qorti inkarigat mill-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat li bija jixtieq jinforma lill-Qorti li meta fil-30/01/18 9.20 mort fl-indirizz moghti fil-mandat Flamin Joe's, Valley Road, Msida sibt lill-Theresa Grima ID 0146166 (M) li ma hallitnix nezegwixxi dan il-mandat peress li gharfitni li: Calfen Limited, Footloose Catering Limited, Fabio Grima ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma dan il fond u insistit li nohrog mill-fond u dan wara li spjegajtila li dan huwa att ta' disprezz lejn il-Qorti.
Presenti ukoll waqt dan it-tentattiv ta' ezekuzzjoni ta' dan il-mandat kien hemm prezenti ukoll il-marixxal Ivan Spiteri Bianchi.'.

6. Jirrizulta mill-istess dokument u digriet a fol. 16 tal-process li konsegwenza ta' din in-nota din il-Qorti diversament preseduta ordnat li jittiehdu passi legali fuq ghemil li jista' jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti fil-konfront ta' Theresa Grima permezz ta' digriet datat 31 ta' Jannar, 2018.

7. Fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2022 xehed il-marixxal Ivan Spiteri Bianchi fejn qal li ftit li xejn jiftakar minn dak li gara fid-data tal-ezekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni. Ghamel biss referenza ghal dak li kiteb il-marixxal l-iehor Manolito Briffa fin-nota a fol. 11 tal-process. Dwar jekk kienx hemm xi persuna li ostakolat l-ezekuzzjoni jixhed:

'Niftakar, iva li morna u onestament, I mean, niftakar li morna u ezegwejna f'dan l-indirizz, imma li kien hemm min ostakolana onestament ma niftakarx.'

8. Fl-istess seduta tad-19 ta' Mejju, 2022 xehed il-marixxal Manolito Briffa. Huwa jixhed li jiftakar il-post tal-ezekuzzjoni ghaliex kien hanut tal-burgers gewwa Birkirkara. Jghid li jiftakar li kellu daqxejn ta' argument ma' Theresa Grima (li isimha rah minn nota fl-atti tal-mandat esebita fl-atti odjerni) ghaliex skont hu 'ma hallitniex nahdem'. Jixhed ulterjoment:

'Konna dhalna filghodu niftakar iwa, din qaltli hawn 'Fabio Grima m'ghandu x'jaqsam xejn'. X'hawn miktub qed, ghax mhux qed niftakar daqshekk. Li m'ghandux x'jaqsam Fabrio Grima, m'ghandux x'jaqsam ma' dan il-fond u in vista li nohrog minn, u insistiet li nohrog min dan il-fond, u dan wara li spjegajtilha x'qed nikteb hawn. Ma nistax niftakar il-wicc nghidlek il-verita jigifieri imma.'

Jghid li din il-mara kien jisimha Theresa Grima. Izid:

'Mara niftakar, li mara kienet waqfitna mbaghad it-tieni darba ma nafx li meta mort nahdem kif ordnatli l-Qorti, ma nafx kinietx hi, m'iniex cert ghax insejt minn dak iz-zmien 'l hawn, nammetti. Biss pero naf li minghalija t-tieni darba hdimna. Sar il-mandat ktibna jigifieri, pero avzajtha illi din l-attitudni, dan disprezz lejn il-Qorti hadd ma jista jwaqqafha. Li tisa twaqqafha l-Qorti ghax thallini nahdem u mbaghad taghmel.'.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Il-Qorti rat li fl-atti odjerni l-unika prova dwar l-identita' tal-mara li suppost wettqet id-disprezz fil-konfront tal-awtorita' tal-Qorti huwa isem u numru tal-karta tal-identita li tnizzlu fuq in-nota ta' ezekuzzjoni mill-marixxal esebita fol. 11 tal-process. Iz-zewg marixxalli li xehdu quddiem din il-Qorti ftit li xejn ftakru x'gara dakinhar tal-allegat agir ta' disprezz u xehdu biss fuq dak miktub fin-nota. Fl-atti odjerni ma tressqet ebda prova ulterjuri sabiex tikkonferma l-identita' tal-persuna li suppost agixxiet b'disprezz tal-awtorita' tal-Qorti. Ma tressqet l-ebda prova ta' identifikazzjoni tal-persuna tal-intimata Theresa Grima. F'ambitu kriminali certament li s-semplici riportar ta' isem u numru tal-karta tal-identita' minghajr ebda prova ohra korroborattiva ma tistax titqies bhala prova oltre d-dubju ragonevoli. Dan huwa aktar imsahhah mill-fatt li l-Marixxal Manolito Briffa fix-xiehda tieghu sahansitra jsemmi li fit-tieni darba li marru biex jesegwixxu ma jafx jekk kienx hemm l-istess mara. Il-Qorti rat li fl-atti rrizultaw zewg noti ta' ezekuzzjoni, wahda fejn ma fetah hadd u wahda fejn saret in-nota datata 30 ta' Jannar, 2018 (fol. 11 tal-process). Dan aktar iqajjem dubji f'mohh din il-Qorti dwar jekk hux minnu li l-intimata, jekk hi veru hi, waqqfitx jew le lill-marixxalli milli jezegwixxu jew altrimenti gergret ftit u konsegwentement hallithom jahdmu.

Illi in vista ta' dak kollu suespost l-Qorti tqis li l-identita' tal-intimata bhala dik il-persuna li waqqfet lill-marixxalli milli jesegwixxu ma gietx sufficjentement pruvata sal-grad rikjest mil-ligi f'dawn il-proceduri.

Illi din il-Qorti ghandha wkoll diversi dubji dwar l-indirizz moghti ghall-ezekuzzjoni tal-mandat. Fl-atti odjerni l-Qorti sabet dan l-indirizz indikat darba wahda biss bhala l-indirizz ta' ezekuzzjoni. Fl-atti odjerni ma tressqet l-ebda prova li tevidenzja

r-raguni ghalfejn il-mandat ta' qbid in kwistjoni kellu jigi ezegwit f'dan l-indirizz partikolari u mhux f'xi indirizz iehor. Dan stante li mill-istess atti tal-mandat jirrizulta li l-intimati ghandhom indirizzi ohrajn u mhux dak indikat bhala l-post tal-ezekuzzjoni. Din il-Qorti rat li d-Direttur rikorrent naqas milli jressaq prova dwar in-ness tal-indirizz in kwistjoni mal-mandat ta' qbid ezekuttiv bin-numru 112/18. Facilment seta' tressaq bhala prova l-kreditur esekutant sabiex jixhed dwar x'ness ghandu dan l-indirizz mad-debituri izda dan naqas milli jsir. Ghal din ir-raguni l-Qorti ma tistax teskludi li din il-mara li kienet prezenti fuq il-post u li qed tigi ndikata bl-isem ta' Theresa Grima setghet kienet fil-fatt qed tghid il-verita u cioe' li d-debituri ma kellhomx x'jaqsmu ma' dak il-fond.

Illi in vista tad-dubji serji li jemergu mill-provi rizultanti fil-kaz odjern din il-Qorti ma tqisx li dak allegat mid-Direttur fil-konfront tal-intimata gie pruvat oltre ragonevoli dubju, anzi l-provi huma pjuttost fjakki tant li din il-Qorti tqis li lanqas sal-grad tal-probabbli ma tressqu provi bizzejjed, ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tad-Direttur rikorrent.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1) Tichad l-ewwel talba tad-Direttur rikorrent stante li ma giex sufficjentement pruvat li l-intimata agixxiet b'disprezz fil-konfront tal-awtorita' tal-Qorti.

2) Stante li t-tieni u t-tielet talba huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba tghaddi sabiex tichad ukoll dawn it-talbiet.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess Direttur rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju, 2022**